MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-9 ta' April, 2015

Rikors Numru. 34/2015

**AB**

***vs***

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-31 ta' Lulju 1993 u minn dan iz-zwieg kellhom tewmien illum maggorenni;
2. Illi ma hemm ebda kwistjoni fuq manteniment la ta' l-ulied u lanqas tar-rikorrenti stante li l-manteniment lejn it-tfal kien pagabbli mill-mara u stante li illum it-tfal jahdmu fuq bazi fulltime u mhux jistudjaw; il-partijiet kienu irrinunzjaw ghal manteniment lejn xulxin;
3. Illi l-partijiet ilhom iktar minn erba snin separati legalment, m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom peress li illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u anke familji u partners ohra;
4. Illi dawn l-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniethom;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal dan il-ghan mill-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Frar, 2015;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar minn erba' snin peress illi isseparaw fil-5 ta' Marzu 2010 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------